UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA



# L - IMNARJA

Dr. C. CASSAR, M.D.

Fil-Kotba Mqaddsa, l-qaddisin S.Pietru u S.Pawl 'Duo Luminaria' u kien minn dan, biex nghid hekk, li l-Malti juri gieh u qima lejhom bil-mixeghla. Kollox sew li tghid, li 'Mnarja' gejja minn 'Luminaria', imma ghaliex il-maltin urew din il-qima b'dan il-mod?.

L-Imnarja ta' dari u llum ghadhom l-istess; ftit hemm tibdil, fis-sens tac-celebrazzjoni. Hu fatt li l-funzjonijiet tal-Knisja ma tbiddlu xejn, u ix-xalar mexa maz-zminijiet godda; il-mixeghla kienet issir bil-fjakkoli, issa bil-bozoz.

Fl-imghoddi il-poplu Malti kien jiltaqgha f'din il-festa li tahbat f'nofs is-sajf, fuq is-Saqqaja, li tfisser post fejn jiltaqghu in-nies, biex jieklu, jixorbu, jizfnu u jixxalaw. Minn hawn kienu jmorru jghaddu l-lejl taht is-sigar tal-Buskett biex jorqdu; hemm dejjem kien hemm sigar kbar, ghax kienhemm dejjem ilma gieri u tajjeb.

Naraw ftit kif din il-festa zdieded fil-pompa meta giet l-Ordni f'Malta. Fl-Arkivji tal-Ordni tad-29 ta' Gunju 1757 hemm imnizzel kif is-Sultan Pinto kabbar is-solennita' ta' l-Imnarja ta' dik is-sena. Wara li kien ilu Gran Mastru sittax il-sena, ha sehem, u zejjen il-festa bil-presenza tieghu bhala princep tal-gzira. Fil-ghodu kmieni, ghal-habta tal-hamsa, il-Gran Mastru telaq mill-palazz tieghu tal-Belt ghar-Rabat, fuq karrozza migbuda minn sitt zwiemel, mieghu il-Gran Prijur tal-knisja ta' San Gwann, u l-Prijur ta' l-Allemanja. Wara mxew fil-karrozza taghhom, l-ufficjali tal-palazz tal-Gran Mastru. Il-Membri tal-Kunsill kienu jistennewhom l-Imdina biex jilqghuhom malli jaslu.

Meta wasal il-Gran Mastru ta riceviment fil-pal-palazz tieghu u telaq lejn il-kattidral fejn attenda l-funzjoni kollha minn fuq it-tron magistrali. Wara din, il-Gran Mastru ta' pranzu kbir, u mbghad, mal-mistednin telaq ghal-fuq is-Saqqaja biex jara t-tigrijiet. L-ewwel kienhemm it-tigrij-iet tat-tfal, warajhom ta' l-irgiel, tal-bhejjem, jigifieri tal-hmir, bghula, dwieb u zwiemel; wara dawn, deher ir-Ricevitur tal-Gran Mastru fuq il-balkun tas-Saqqaja, u minn hemm xehet ghadd kbir ta' muniti tal-fidda fost in-nies prez-enti, u warajh hareg il-Gran Mastru u waddab muniti ohra tad-deheb.

Is-Socjeta' Medica d'Incoraggiamento xtaqet tara l-biedja tmur aktar il-quddiem, ghalhekk waqqfet is-Societa' Economico Agraria del-Gruppo di Malta. Din bdiet fl-l ta' Marzu 1844. L-ewwel wirja tal-hxejjex u fjuri saret fil-bitha tal-palazz il-Belt Valletta, waqt li kien gvernatur Sir William Reid, li kien ihobb hafna joqghod fil-kastell ta' Verdala. Billi kien japprezza l-popolarita' tal-festa ta' l-Imnarja, li ghaliha kienu jinqalghu nies minn kwazi Malta kollha, xtaq li l-wirja li kienet saret fil-Belt tibda ssir fil-Buskett. Ghalhekk l-ewwel wirja tal-Buskett saret fl-1854, u f'din il-wirja bdiet issir ukoll wirja tal-bhejjem u tat-tjur, kif ukoll strumenti u ghodda moderni ghall-dak iz-zmien li kienu juzaw ghall-biedja, u drappijiet tan-newl mahduma mill-Maltin minn prodott lokali, bhal qoton lanke u abjad.

In-nies u l-bhejjem kienu jingabru fuq is-Saqqaja, izda minn dak iz-zmien bdew jinzlu l-Buskett beix jaraw il-wirja u t-tqassim tal-premjijiet li dari kienet issir bl-isfilata. Ix-xalar kollu beda jsir il-Buskett, biz-zfin, ghana, ikel u mistrieh taht is-sigar, u filghodu jmorru kmieni jaraw il-proceşsjoni tal-Kattidral.

Ix-xalar u x-xorb johloq ghawg u glied, u biex ikunhemm aktar ordni xi membri tas-Socjeta' Agraria hasbu biex irazznu id-distorbju li kien isir, u fl-istess hin, il-poplu jiddeverti b'mod aktar xieraq. Kien f'dan iz-zmien li nholqot l-Ghaqda Maltija tal-Folklor li bi ftehim mas-Socjeta Agrarja bdiet torganizza l-lejla folkloristika ta' l-Imnarja, u dan beda jsir fl-1952.

L-ewwel rizultati li tat il-gurija tal-konkors tal-ghana fl-Imnarja, igibu d-data tal-21 ta' Lulju 1954, ghall-lejl tat-28 ta' Gunju, u iffirmat mill-Prof.Guze' Aquilina, Is-Surmast ta' La Vallette L.Camilleri, is-Surmast tal-King's Own, u is-Sur Guze' Cassar Pullicino.

Fir-rapport taghhom taw ir-ragunijiet ghall-ghazliet li ghamlu, wara li ezaminaw bir-reqqa l-ghana li kien sar, li kien jinkludi wkoll ghana b'zewg partecipanti u bi tlieta, kif ukoll daqq fuq il-kitarra, u fuq iz-zaqq u t-tambur. Biex ir-rapport ikun aktar ezatt, kienu semghu kullma sar wara li semghu ir-recording li kienu ghamlu tar-Rediffusion Company.

L-Ghaqda rnexxiela ddahhal sens ta' kultura fost dawk li jhobbu ghana u daqq folkloristiku u sahhet il-qaghda folkloristika fost il-Maltin.

L-Imnarja llum tinqasam fi tlett aspetti; wiehed religjuz, iehor ekonomiku, storiku-politiku, u iehor folkloristiku. Ta l-ewwel ma tbiddilx, ghax il-liturgija baqghat l-istess. It-tieni, mill-wirja wiehed jista jhoss il-polz agrikolu u jkun jaf kif huma sejrin il-prodotti, u mid-diskorsi li jsiru minn xi awtoritajiet waqt il-premjazzjoni, wiehed jista jhoss il-bixra li jkun qed jiehu dan ix-xoghol importanti. It-tielet aspett hu ix-xejra folkloristika. Dawn l-ahhar snin, il-Kumitat Ghall Festi Nazzjonali tal-Gvern, qed jorganizza l-Imnarja fuq skala akbar milli kienet taghmilha l-Ghaqda

Folkloristika, izda fil-fehma tieghi naqset miss-sens spontanju li bih kienet issir qabel. Fid-dehra kollox jibda bi spirtu altruwistiku u filantropiku, izda mal-medda taz-zmien kollox jinbidel, u hekk gara minn din il-lejla ta xalar ghall-Imnarja. Forsi n-nies jiehdu pjacir izjed billi qieghed isir, u jekk hu hekk, jiena nifrah, ghaliex kullma jsir ghandu jkun ghall-dan il-ghan.

---

## XI ATTIVITAJIET FOLKLORISTICI

<u>Drawwiet Missirijietna</u> Sensiela minn John Bezzina fuq Cable Radio fejn sar programm kull gimgha mill-harifa 1979 sar-rebbiegha 1980.

<u>Wiccek Wicc l-Angli tas-Sema</u> Sensiela fuq it-televizjoni, ta' programmi ipprezentata minn Charles Coleiro, dwar Ghana tal-Fatt, spirtu pront, etc.,1979-80

<u>X'Uzaw in-Nanniet li l-Medicina Skartat</u> Sensiela ta' seba programmi fuq it-televizjoni, dwar medicina popolari, miktuba u ipprezentata minn Guido Lanfranco, minn Mejju sa Lulju 1980. F'kull programm dehru bosta illustrazzjonijiet(b'kollox xi mitejn,fis-7 progr.) u statwetti tat-tafal, kollox maghmul mill-awtur stess, li juru il-kura li kienet tigi spjegata.

<u>Fratellanzi Maltin</u> Ezibizjoni li saret mit-3 sat-8 ta' Dicembru 1979, fl-Istitut Kattoliku, maghmula minn Guido Lanfranco ghall-Ghaqda Storika ta' Mal ta. Minbarra l-informazzjoni mehtiega kien fiha tpingijiet u statwetti tat-tafal li juru il-fratellanzi kollha ta' Malta u Ghawdex, maghmulin mill-awtur stess.

(ikompli pagna 79 ---)